# Is-Santwarju tal-Mellieħa

Loreto J. Dalli



Is-Santwarji Marjani f'Malta huma postijiet li fihom missirijietna taw ġieħ lil Ommna, il-Verġni Mbierka taħt diversi titli. Ħafna drabi d-devozzjoni lejn xi santwarju kienet tkun għal għadd ġmielu ta' snin, fejn fihom tintwera gratitudni lejn l-istess Verġni Mbierka wara li jinqalgħu xi forma ta' grazzji. Kultant dawn il-forom ta' grazzji kienu jkunu f'għadd kbir, bħal fil-każi tal-Ħerba, tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar u oħrajn sew f'Malta u anke f'Għawdex.

Il-kundizzjonijiet li fihom kienu jgħixu l-popli kienu iebsa ħafna, u l-faqar li missirijietna kienu jgħixu fih, ftit li xejn nifmuh illum. Dak iż-żmien ir-riżorsi kienu limitati ħafna. Riżors ewlieni kien il-baħar, u r-raba li kważi kien ikun bla kenn ta' xejn mill-elementi tan-natura. F'kundizzjonijiet bħal dawn il-bniedem kien iħossu ferm dgħajjef. Kien żmien fejn mhux l-ewwel darba li l-familji kienu jispiċċaw misruqa mill-furbani – pirati tal-baħar.

Kienu f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-antenati Melliħin kienu jgħixu. Kienu bosta l-familji li f'xi żmien jew ieħor kien ikollhom jgħixu fl-għerien, u xhieda ta' dan huma l-bosta għerien li hemm fil-Mellieħa, bħal Għar Butomna, Għar Kiteb, Għar is-Sebħa, Għar Nifus, Għar iċ-Ċumnija, Għar it-Taflija u oħrajn.

Għar Kiteb u Għar Nifus ħadu isimhom mill-kunjomijiet ta' familji Lhud li kienu jgħixu f'pajjiżna f'dawk iż-żminijiet. L-għerien l-ewwel u qabel kollox kienu ta' rifuġju għall-bnedmin f'dik l-epoka. Dawn l-għerien kienu mezz naturali biex l-affarijiet li l-familji kien ikollhom kienu jibqgħu priservati fi stat tajjeb għal tul ta' żmien.

L-għerien f'dak iż-żmien kienu postijiet mill-aktar importanti għall-ħajja ta' kuljum tal-familji. L-istess kif kienu fil-perjodu tal-bidu tad-devozzjoni u t-twelid tal-kult Marjan, jew aħjar fil-postijiet qaddisa fejn ix-xbieha tal-Madonna tkun esposta fuq il-ħitan. Dan il-maqdes jew aħjar knisja tissejjaħ TROGLODITIKA, li tfisser post imħaffer fil-blat.

Dan it-tip ta' maqdes jinsab fin-naħa ta' fuq ta' Malta, eżattament, qegħdin nirreferu għas-Santwarju tal-Mellieħa. Is-santwarju huwa ndikazzjoni tat-tip ta' ħajja li kienu jgħixu l-Melliħin, ħajja ta' qtiegħ il-qalb li gerrbet għal tul ta' snin u ġegħlet lill-popolazzjoni tinżel fil-għadd. Il-parroċċa tal-Mellieħa kienet waħda minn tal-ewwel li twaqqfu fl-1436.

Ta' sikwit il-Mellieħa u l-akkwati kienu maħbuta minn pirati tal-baħar u mhux darba jew tnejn li niesha kienu jispiċċaw ilsiera barra minn xtutna. Minħabba dan il-ħbit min-naħa tal-pirati, bosta persuni abbandunaw għal kollox l-inħawi tal-Mellieħa, għax kienet tispiċċa kemm-il darba maħbuta mill-furbani minħabba l-pożizzjoni tagħha fil-majjistral ta' gżiritna u għax ix-xtajtiet tagħha huma ramlin u allura aktar faċli għall-furbani biex jidħlu.

Maż-żmien kien anke nħoloq monti biex jinħelsu dawn l-ilsiera bl-isem ta' '*Monte della Redenzione degli Schiavi*'. Kien fadal ftit li xejn nies jgħixu f'dawk l-inħawi. Kienu l-isforzi ta' dawn il-ftit li żammew ħajja d-devozzjoni lejn il-Verġni Mqaddsa fis-Santwarju li fl-1614 sar magħruf bħala s-Santwarju tal-Mellieħa. Sinċerament, jien ma nafx jekk kienx San Luqa jew il-Papa Ġwanni Pawlu II li mbotta 'l fuq l-isem ta' dan is-santwarju. Li hu żgur hu li kienu n-nies tal-Mellieħa li b'fidi u tbatija żammew dan il-post ta' devozzjoni ħaj sal-lum il-ġurnata.

Il-konsagrazzjoni tas-Santwarju aktarx saret fil-bidu tal-ewwel żminijiet Kristjani wara l-miġja ta' Missierna San Pawl fostna. It-tieni konsagrazzjoni tissemma' mill-Isqof Pawlu Alpheran de Bussan li matul viżta li saret semma' kif it-tieni konsagrazzjoni tas-Santwarju saret minn Isqfijiet Griegi li daħlu f'port li hemm fil-qrib flimkien ma' Belisarju, li kien Ġeneral Biżantin ta' żmien 400 sena W.K.

Oħrajn jgħidu li t-tieni konsagrazzjoni tas-Santwarju saret minn Isqfijiet li kienu fi triqithom lejn l-Afrika jew inkella kienu ġejjin lura mill-Konċilju tal-Mellevi, li kien ħa sehem fih Santu Wistin għall-ħabta tal-418 W.K.

Hemm min jgħid li s-Santwarju kien ikkonsagrat għall-ħabta tal-1431, ħames snin qabel ma l-Mellieħa saret parroċċa, meta r-re Alfonso kien f'dawn il-gżejjer u flimkien miegħu kien hawn xi isqfijiet. Ħafna ħasbu u emmnu li s-slaleb kbar ta' fuq il-blat kienu xhieda ta' din il-konsagrazzjoni.

Kienu x'kienu d-dati tal-konsagrazzjoni ta' dan is-santwarju, kollox jindika li dan hu meqjus bil-bosta bħala l-eqdem santwarju fil-Gżejjer Maltin. Kif għidna fil-bidu, dan is-santwarju kien iservi wkoll ta' parroċċa għall-Mellieħa. Infatti minn Rolla tal-Isqof Senatore di Mello jirriżulta li l-Mellieħa kienet imniżżla bħala parroċċa sa mill-1436. U jekk dan is-santwarju kien l-eqdem wieħed fix-xorta tiegħu ma jistax jonqos li għandu wkoll l-eqdem ikona f'Malta.

X'inhi ikona? Hija msejħa ikona għax tirrappreżenta xi personaġġ sagru u fiha nfisha ikona hija ħafna drabi meqjusa bħala sagra. Dan

jirriżulta matul is-snin fejn fil-każ tagħna, fil-Mellieħa għadd kbir ta' nies li żaru dan is-santwarju għal bosta raġunijiet, inkluż ukoll biex jaraw mill-qrib din l-ikona. Studjużi tal-ikoni u ikonografiji marjani jorbtu t-tip ta' stil li hemm fis-santwarju tal-Mellieħa, mal-istil Grieg li jaf il-bidu tiegħu fil-belt ta' Kostantinopli fejn ix-xogħol ikun imżejjen bid-deheb. Dan it-tip ta' xogħol jinstab ħafna fil-knejjes orjentali.

Fis-santwarju tal-Mellieħa dan ġie kkonfermat meta Samuel Bugeja kien qed jagħmel xi xogħol ta' restawr fuq is-saqaf tas-santwarju. Aktar tard irriżulta li taħt il-pittura ta' Francesco Zahra kien hemm sfond ta' kisja bid-deheb. Kien hemm ukoll xbieha tal-Madonna fin-nofs tas-santwarju. L-istil użat jappartjeni għaż-żmien magħruf bħala l-epoka Pale Kristjana li kienet l-aħħar fażi f'dawk iż-żminijiet. Madankollu, wieħed ma jistax ikun preċiż dwar l-epoka ta' meta saret il-pittura. Hemm fatturi oħra li juru li l-pittura saret direttament fuq il-blat u tista' tkun tas-seklu ħdax. L-istil ta' pittura li bih hija magħmula din ix-xbieha hija ta' ispirazzjoni mill-istil Biżantiku.

Mhux magħruf min setgħa kien il-pittur ta' din ix-xbieha. Setgħet saret minn xi artist Sqalli, għax hemm ħafna xebħ ma' xbihat oħra mpittra fuq il-ħitan fi knejjes imħaffra fil-blat u li għadna narawhom fi Sqallija sal-ġurnata tal-lum u li huma simili ħafna għal dik tal-Mellieħa.

Sar studju ntensiv fuq l-ikoni, imma xorta waħda dan ma kienx daqstant sodisfaċenti għax kważi ma ta l-ebda riżultat konklussiv. Data speċifika ta' meta l-ikona saret jew tpittret baqgħet kurżità għal ħafna Maltin b'mod speċjali fejn tidħol l-istorja tal-arti sagra. Huwa mportanti li nkunu nafu aktar dettalji dwar dan ix-xogħol ta' nteress nazzjonali, l-aktar meta sar jew l-epoka ta' meta saret din il-pittura.

Madankollu hemm diffikultà biex isir studju dwar din l-ikona, għall-fatt li biċċa kbira mill-pittura diġà hija mitlufa u ma setgħetx tintbagħat barra għal aktar



Dehra minn barra tas-Santwarju tal-Mellieħa.

studju fuqha. Hawnhekk ta' min jissuġġerixxi, u jien naqbel ma' din l-idea, li esperti barranin f'dan il-qasam ikunu jistgħu jiġu fostna biex isir l-istudju meħtieġ fuq biċċa xogħol ta' arti bħal din li hija ta' nteress u nvestiment nazzjonali. Il-knisja u l-istat flimkien għandhom jingħaqdu flimkien biex jgħinu. Huwa teżor nazzjonali, biċċa xogħol ta' arti li tmur daqstant sekli lura u livell għoli tal-patrimonju Malti ta' skala nternazzjonali. Allura wieħed jistaqsi, għax m'għandux ikun hemm flus għal skop bħal dan?

Issa nerġgħu lura għall-istorja u naraw il-każ tal-abbandun ta' dan is-santwarju. Dan seħħ minħabba l-ħbit ta' spiss minn pirati tal-baħar, kif diġà għidna fil-bidu, meta l-popolazzjoni naqset ħafna kif dokumentat ukoll minn Patri Alexander Bonnici OFM. Wara l-assedju tal-1565 u t-telfa tal-Ottomani kontra l-Kavallieri ta' Malta, it-Torok huma u jħallu pajjiżna wettqu att ta' disprezz lejn ir-reliġjon Kattolika u għamlu bosta ħsarat fil-gżejjer Maltin fosthom fuq il-blat tal-grotta tas-santwarju tal-Mellieħa.

Minn dokumentazzjoni taż-żjara ta' Mons. Pietro Dusina li saret fl-1575 fil-Mellieħa deher bl-aktar mod ċar li l-parroċċa kienet tilfet dan it-titlu. Jirriżulta wkoll li ma kienx fadal nies joqgħodu qrib dan is-santwarju, li kien diġà ddedikat lill-Verġni Mbierka tal-Mellieħa, taħt it-titlu tal-Annunzjazzjoni.

Fiż-żmien il-Gran Mastru De La Cassieri fl-1579 sar magħruf li s-sagristan tas-santwarju kien talab xi għajnuna mingħand il-Gran Mastru biex ikun jista' jgħix mid-dħul tiegħu u fl-istess ħin jibqa' jaqdi dmiru fis-santwarju. Kien għall-ħabta tal-1579 li n-nies bdiet terġa tersaq lura lejn is-santwarju għaliex il-ħbit mill-furbani beda jnaqqas u l-kura pastorali għal dak iż-żmien kienet marbuta mal-Katidral tal-Imdina. Deċiżjoni li kienet tagħmel ħafna sens għax id-distanza għan-Naxxar kienet aktar 'il bogħod meta tgħaddi min-naħa tal-Imġarr.

Il-poplu tal-Mellieħa baqa' jagħti l-flus biex isir il-quddies u bosta kienu jmorru jisimgħu l-quddies f'dan is-santwarju peress li kien baqa' jsir. Fi ftit kliem, il-post reġa' ħa r-ruħ. Post qaddis u ta' devozzjoni li għalkemm kien xi ftit abbandunat xorta kien għadu mfittex minn nies li riedu s-santwarju jibqa' miftuħ.

Kien Patri Agostinjan Aurelio Axiak li għamel talba biex l-ordni tiegħu tkun tista' tibni kunvent ħdejn is-santwarju tal-Mellieħa. Meta ra hekk, il-Kapitlu tal-Katidral tah il-permess meħtieġ, b'digriet tas-27 ta' Lulju 1584. Il-permess ingħata mill-Inkwiżitur Costa minflok l-Isqof Gargallo. B'hekk il-patrijiet Agostinjani ngħataw l-inkarigu li jieħdu ħsieb is-santwarju tal-Mellieħa, iżda wara 37 sena minn meta waslu hemm seħħet ġrajja kerha.

Kien is-6 ta' Lulju 1614, meta xwieni tal-pirati tal-baħar daħlu f'waħda mix-xtajtiet baxxi li hemm fil-Mellieħa. Malli l-pirati niżlu l-art serqu kulma sabu quddiemhom u għamlu ħsara kbira fis-santwarju. F'dak iż-żmien li ġrat din il-ġrajja, is-santwarju kien għadu taħt il-ġurisdizzjoni tal-katidral fejn azzjonijiet favur is-santwarju rari li kienu jsiru fil-ħin u allura l-għajnuna damet ħafna biex ingħatat.

Wara din il-ġrajja, is-santwarju għadda taħt il-ġurisdizzjoni tal-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar. Fl-1840 Mons. Franġisku Saverju Caruana li kien l-Isqof ta' dak iż-żmien kien kiteb dwar il-ħtieġa li l-Mellieħa tinqata' minn man-Naxxar. Hawnhekk qegħdin nitkellmu madwar 40 sena wara l-miġja tal-Ingliżi f'Malta.

Hawnhekk kien reġa' ġie sostnut li n-Naxxar kien 'il bogħod ħafna mill-Mellieħa u l-popolazzjoni

tiegħu kienet qed tikber sew. Għal dan l-iskop saret pjanta mill-Perit Vincenzo Sammut fejn intwerew l-limiti tal-parroċċa l-ġdida. Il-pjanta kienet ippreżentata lill-Isqof fl-20 ta' Marzu 1841, iżda nqalgħu xi ntoppi min-naħa tal-parroċċa tan-Naxxar bħalma kien ġara fil-każ tal-Mosta u Ħal-Għargħur.

L-Isqof Caruana mbagħad ħareġ it-tieni digriet tiegħu, li bih ikkonferma lil Dun Rawl Le Brun bħala l-ewwel Kappillan tal-Mellieħa fil-15 ta' Ġunju 1844. Dan kollu ġara 150 sena wara li kif rajna, is-santwarju tal-Mellieħa reġa' sar parroċċa għalih waħdu għat-tieni darba, wara li kien tilef dan l-istat minħabba n-nuqqas fil-popolazzjoni u l-ħbit tal-furbani.

F'dan iż-żmien sew id-devoti u anke n-nies li jżuru dan is-santwarju minn Malta kollha bdew jiżdiedu sew fin-numru. Kien għalhekk li l-Vatikan ħareġ id-digriet li bih il-Madonna tal-Mellieħa kellha tkun inkurunata b'kuruna tad-deheb - 51 sena wara li l-Mellieħa saret parroċċa f'Mejju tal-1895.

Kellu jkun fi żmien l-Isqof Pietru Pace, nhar l-24 ta' Settembru 1899, li saret l-inkurunazzjoni fost il-ferħ tal-poplu Mellieħi. Fl-1949 kienu saru festi kbar biex ifakkru l-okkażjoni tal-50 sena mill-inkurunazzjoni tal-Madonna. Saret funzjoni u quddiesa bis-sehem taż-żewġ baned tal-Mellieħa fl-apert.

Ġrajja ta' kobor u prestiġju ċertament kienet il-miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'dan is-antwarju fl-1990. Il-Papa dakinhar talab f'riġlejn il-Madonna tal-Mellieħa, u rregala kuruna tar-Rużarju tad-deheb u madre perla u xegħel lampier tal-fidda. Il-Papa kixef ukoll monument bi xbieha tiegħu stess.

Post ta' devozzjoni bħalma hu s-Santwarju tal-Mellieħa bi storja bħal din warajh, ċertament li jixraqlu titlu aktar dinjituż minn dak ta' Santwarju.



**Ix-xbieha mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa (inkurunata fl-24 ta' Settembru 1899).**

Is-santwarju tal-Mellieħa għandu ġrajjiet, devozzjoni qawwija u storja li tmur tant 'il bogħod u li saret parti mportanti tal-Kristjaneżmu fil-gżejjer Maltin. Nittama li dan il-ħsieb jiġi mismugħ u studjat.

## Talba lill-Madonna tal-Mellieħa

O VERĠNI TAL-MULEJ,
aħna nduru lejk b'imħabba
u devozzjoni ta' wlied.
Marija, l-aktar Qaddisa,
Fik ittamaw missirijietna,
u inti ħlisthom.
Issa ningħaqdu mal-ħafna ġenerazzjonijiet
ta' rġiel u nisa Maltin, li matul is-sekli ġew
lejn is-Santwarju, mill-qrib u mill-bogħod.
Lilek, Verġni Marija,
aħna nippreżentaw it-tbatijiet tagħna,
l-ansjetajiet tagħna, u l-fallimenti tagħna.
Noffrulek ukoll il-ferħat u s-suċċessi tagħna.
Nitolbuk biex tidħol għalina quddiem
il-Mulej fin-niket tagħna.
Aħna l-ulied maħbubin tiegħek.
Imqaddsa Verġni tal-Mellieħa,
urina t-triq lejn il-Mulej.
Aħna nqiegħdu l-fiduċja tagħna fik.
Ħarisna fl-imħabba tiegħek
mimlija attenzjoni.
Ixxotta d-dmugħ tagħna.
Idħol għalina biex nagħtu xhieda llum.
Mexxi l-poplu ta' dawn il-gżejjer,
ħares il-familji,
u agħti l-kuraġġ liż-żgħażagħ biex
jiffaċċjaw l-isfidi tal-ħajja
b'qawwa Nisranija. Ammen.

Mill-Vatikan, 16 ta' April, 2010

## Il-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu

Għall-Miġja tal-Papa Benedittu XVI f'Malta, fis-17-18 ta' April, 2010, inġab f'Malta minn Għawdex, il-Kwadru tal-Madonna ta' Pinu. Meta l-kwadru kien qiegħed jinġarr biex jintbagħat lura f'Għawdex waqfu l-Mellieħa fejn hemm l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona O.P., l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, in-Nunzju Appostoliku Mons. Caputo, l-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca, u l-Isqof Awżiljarju Mons. Annetto Depasquale għaddew din it-talba lill-komunità tal-Mellieħa fis-16 ta' April 2010.

**Referenzi:**

*Delle Descrittione di Malta*, G.F. Abela, 1647.
*Iż-Żjara tal-Qdusija tiegħu fis-Santwarju tal-Mellieħa*, Vincenzo Borg, 1990.
*Madonna tal-Mellieħa - Inkurunazzjoni*, Doris Mifsud.
*Our Lady of Mellieħa*, R. Bonnici Calì.
*Is-Santwarju u l-Parroċċa tul iż-żmien*, Alexander Bonnici OFM conv.
*Il-Mellieħa mal-Milja taż-żmien*, Joe Catania.
*X'inhija Bażilika?* Anton Said, Gozo.